MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 165/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1) Illi huwa zzewweg lill-intimata fit-30 (tletin) ta’ April tas-sena elfejn u wahda (2001) fis-Santwarju tal-Madonna tal-Herba gewwa Birkirkara, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta (433/2001), u dan kif jirrizulta mic-Certifkat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;
2) Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali li kien ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008), kopja ta’ liema qeghda hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘B’;
3) Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla bl-isem ta’ MM, li twieldet fl-erbgha (4) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004), u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘C’;
4) Illi rigward manteniment ghall-minuri msemmija, fl-ewwel gurnata ta’ kull xahar ir-rikorrent jissoministra lill-intimata s-somma ta’ mitejn disgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52);
5) Illi in kwantu ghall-manteniment ta’ bejniethom, ir-rikorrent kien irrinunzja mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-intimata, filwaqt li l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt ta’ manteniment fil-konfront tar-rikorrenti;
6) Illi illum il-gurnata ghaddew sitt (6) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-partijiet, u m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. F’dan ir-rigward, ir-rikorrent iddiskuta mal-Avukat sottoskritt il-possibilita ta’ rikonciljazzjoni u kkonkluda li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal tali rikonciljazzjoni;
7) Illi in vista tas-suespost, jirrizulta li jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1) Tiddikjara li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti partijiet bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi; u
2) Sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Mejju, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Jannar 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------